**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ERBGĦIN 13ta' ĠUNJU, 2018**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku Rita Grima u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, Dr Tiffany Ann Farrugia, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri kien preżenti għas-seduta.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **40.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 40.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. |
| | | |
| **40.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 40.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ta aktar informazzjoni fuq punt 39.5.8. Il-wirja ser tibda tintrama mill-1 ta' April 2019, bil-bieb magħluq u meta tinfetaħ il-wirja, jibda jidħol il-kuratur miegħu bi spejjeż tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 40.2.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li fuq id-djar ta' Vjal l-Indipendenza għad m'hemmx file fid-dipartiment tal-artijiet.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat jistaqsi lill-Onorevoli Dr Julia Farrugia Portelli u lill-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi, biex jekk għandhom xi tagħrif jipprovduh lill-Kunsill Lokali. |
| | | |
| 40.2.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qajjem il-punt 38.10.6 fuq it-tabelli li hemm fi Triq San Pietru. Kien hemm qbil li ġaladarba l-iscammel jgħaddi tajjeb waqt li l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | vetturi jkunu ipparkjati, tali tabelli jistgħu jinqalgħu. Dan reġgħa kkonfermah max-xufiera tal-iscammels. Kien hemm qbil li jitneħħew. |
| | | |
| 40.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tad-disgħa u t-tletien –il seduta. |
| | | |
| ***40.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA / KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| 40.3.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-seduta numru 48 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 40.3.2 | | Is-Sindku taż-Żgħażagħ stieden lill-kunsill kollu għall-inawgurazzjoni tas-siġar li tħawlu, nhar it-Tnejn 25 ta' Ġunju, fis-19:30. |
| | | |
| ***40.4*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI*** |
| | | |
| 40.4.1 | | Ġew approvati l-minuti tar-reġjun nofsinhar numri 3 u 4 li nżammu fil-25 ta' Jannar u Frar rispettivament. |
| | | |
| | | |
| ***40.5*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 40.5.1 | | Is-Sindku semma l-attivitatjiet li ġew iċċelebrati għall-Jum iż-Żurrieq u Festa Ħut. Irringrazzja lill-Kunsillier Pierre Farrugia tax-xogħol li ħa f'dawn l-attivitajiet. Dan hu ta' sodisfazzjoni li hu u l-Kunsillier Pierre Farrugia jaħdmu tajjeb flimkien, għax juri l-għaqda li hawn fil-Kunsill. In-nies ikkonkorrow għall-attivitajiet u ikkonferma li l-attivitajiet kienu suċċess. |
| | | |
| 40.5.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• biex issir bankina dejqa fi Triq il-Warda quddiem 36,37. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex Triq l-Imqabba issir one miż-Żurrieq għall-Qrendi. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex Triq il-Qrendi ssir one way bil-kontra ta' Triq l-Imqabba. Kien hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li l-Kunsill tal-Qrendi jkun infurmat li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq qabel ma din il-proposta.<br>• Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina VM talbet biex tagħmel tliet ħofor oħra tal-festa f'Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Stima ta' lampi fuq stil antik biex jitwaħħlu fi Triq San Mikiel – mingħand Nexos għall-ammont ta' 435Euro –il wieħed inkluż il-VAT. Nitolbu ritratt ta' dan it-tip ta' lampa.<br>• Il-Green Pak offrew li waqt il-festi tar-raħal iġibu struttura b'xibka, biex tippromovi l-ġbir tal-flixken tal-plastik. M'hemmx qbil fuq dan il-kunċett minħabba li l-istruttura hi kbira wisq għall-ġol festi. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 40.5.3 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li l-Kunsill jitlob lill-Transport Malta biex ikompli t-triq bit-tarmak sad-djar fi Triq l-Imqabba. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 40.5.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-rigward tal-proposta mill-PBS biex ixxandar programm tal-Fifa World Cup fiż-Żurrieq, ikkuntatjat lill-PBS u tkellmet ma' Ms Ramona Mamo De Giovanni, fejn qalet li la hi u l-anqas is-CEO tal-PBS, qatt ma wedgħdu li l-Kunsill Lokali ser jingħata programm bla ħlas. Ms Ramona Mamo De Giovanni, qalet li kien hemm kunsilli oħra li ħalsu u issa d-dati ttieħdu kollha. |
| | | |
| ***40.6*** | | ***Tenders imressqa għall-approvazzjoni tal-aġġudikazzjoni*** |
| | | |
| 40.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn it-tenders għall-approvazzjoni tal-aġġudikazzjoni bir-rapporti ta' evalwazzjoni mehmuża Dok 1,2,3 rispettivament:<br>1. Services of an accountant – l-orħos offerent u skont ir-rikjesti mitluba kienet tas-Sinjura Doreen Mintoff għall-ammont ta' 14,160Euro<br>2. Maintenance of Road Markings and Traffic Signs – l-orħos offerenti bil-kriterji neċessarji kienu l-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-traffiku – 34,787.99Euro<br>3. Works on Pavements, retaining Walls and Culverts – l-orħos offerent ma kellux il-kriterji mehtiega, it-tieni l-orhos offerent kellu zball aritmetiku (allura jigi it-3 l-orhos) u t-tielet l-orhos offerent kellu bżonn jagħmel xi kjarifiki u għandu żmien sal-20 ta' Ġunju, biex jibgħathom. Għalhekk tali tender trid tingħalaq wara l-20 ta' Ġunju.<br><br>L-aġġidukaturi ta' 1, u 2 kienu l-Kunsilliera – Tiffany Ann Farrugia, Pierre Farrugia u Joseph D'Amato, filwaqt li għat-tielet tender kienu Tiffany Ann Farrugia, Pierre Farrugia u l-Perit tal-Kunsill. Iċ-Chairperson għat-tenders kollha kien is-Sindku Ignatius Farrugia filwaqt li s-segretarju kien is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.<br><br>Kien hemm approvazzjoni fuq l-aġġudikazzjonijiet kollha u anke tat-tielet wieħed meta jkun evalwat. |
| | | F'dan il-ħin is-Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta tal-Kunsill u l-Viċi Sindku Rita Grima kompliet tippresjedi s-seduta. (ħin 19:30) |
| | | |
| ***40.7*** | | ***Tenders*** |
| | | |
| 40.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv talba għall-ħruġ ta' sejħa ta' offerta għal-Contract's Manager (Perit). Kien hemm qbil li għandu jibda l-proċess tat-tender. |
| | | |
| ***40.8*** | | ***Attivitajiet fi Ġnien il-Ġibjun*** |
| | | |
| 40.8.1 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel bye law għall-attivitajiet fi Ġnien il-Ġibjun. Il-Kunsilliera Tiffany Ann Farrugia, Joseph D'Amato u David Abdilla ser ikunu f'kumitat biex ifasslu bye law fuq l-attivitajiet fil-ġnien. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| ***40.9*** | | ***Rampi llegali u nuqqas ta' aċċess tal-bankini*** |
| | | |
| 40.8.1 | | Kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna lill-perit jagħtih risposta. Għandha tintbagħat reminder oħra lill-perit, biex jagħti risposta mill-aktar fis. |
| | | |
| | | |
| ***40.10*** | | ***Gabbani*** |
| | | |
| 40.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-lista ta' applikazzjonijiet tal-gabbani tal-festi. Kien hemm applikazzjoni waħda biss ġdida, li tinvolvi karozza tal-linja antika, biex tintuża bħala play area għat-tfal. Kien hemm qbil li gabbani ġodda, l-Kunsill ma jaċċettax u l-posti vakanti jibqgħu vojta. |
| | | |
| ***40.11*** | | ***Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri*** |
| | | |
| 40.11.1 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li l-Kunsill bagħat ir-rapport tal-contract's manager tal-agrikoltura lill-Callus Landscaping u jekk ma jirranġax is-sitwazzjoni tas-servizz li qed jgħati, jissuġġerixxi li tinħareġ *default notice*. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 40.11.2 | | Il-Viċi Sindku qalet li :<br>• fi Triq San Pawl int u ħiereġ lejn Triq Santa Katarina – hemm tabelli imsadda u hemm bżonn refresh tal-marki tat-toroq.<br>• Fi ġnien il-bennej hemm siġra biex tinżabar. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 40.11.3 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard, qal li hemm bżonn li ssir yellow box quddiem il-ħanut tal-kafe fi Vjal il-Blue Grotto. Ma kienx hemm qbil għax ma jkollix permess minn-Transport Malta. |
| | | |
| 40.11.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li ntalbet sleeping policeman fi Triq San Mikiel fejn Villa Budda. Kien hemm qbil li ssir minħabba li r-residenti li talbuha aċċettaw li tiġi quddiemhom. |
| | | |
| 40.10.5 | | Il-Kunsillier David Abdilla mar mal-Kunsillier Kenneth Farrugia fi Triq il-Ħaddiema k/m Triq iċ-Ċombini u kien hemm qbil li jsir id-double yellow line. |
| | | |
| 40.10.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia hemm bżonn:<br>• li jinqata' l-ħaxix minn Triq Ħal Far, u fejn il-ġnien tal-Ġibjun<br>• residenti jkollhom aċċess għall-grawnd tal-football imqar għal siegħa biss bla ħas. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ż-Żurrieq FC kien ħalla siegħa kuljum bejn it-15:30 u l-16:30 għal sena sħieħa u qatt ma intuża. Issa li ser isir investiment kbir fih mhux ser ikun jista jintuża mir-residenti. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li meta jkollu talbiet simili, il-grawnd jinfetaħ għalihom, imma il-grawnd ma jistax jibqa miftuħ mingħajr sorveljanza. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Wara festa ħut id-Direttorat tal-Indafa Pubblika ħasel u naddaf l-akwata ta' fejn saret Festa Ħut. Kien hemm qbil li issir ringrazzjament. |
| | | |
| 40.10.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa għaliex is-Sindku taż-Żgħażagħ Kaydem Schembri, f'isem il-Kunsill Lokali Żgħażagħ, ma kienx inkluż fil-Kunsill News. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill News jieħu ħsiebu s-Sindku biss. |
| | | |
| 40.10.8 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• insetti ħerġin mit-travi tal-injam fil-Mitħna tax-Xarolla – Kien hemm qbil li jitqabbad servizz għal-manutenzjoni.<br>• Il-Kunsill kellu leaflets bir-reklami fuq il-Mitħna tax-Xarolla, li spiċċaw. Kien hemm qbil li jiġu ordnati 5,000 kopji oħra.<br>• Issemmiet art fejn il-ġnien tal-ġibjun biex isir żvilupp ta' flats fiha. Kien hemm qbil li l-perit jappella f'isem il-Kunsill fuq dan il-każ. |
| | | |
| 40.10.9 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li s-Sindku kien aċċertana li sal-Lulju l-proġett ta' Vjal ix-Xarolla kellu jitlesta, imma s'issa x-xogħol għadu lura ħafna. Ir-round about ukoll inqalgħet u waqaf ix-xogħol fuqha. |
| | | |
| 40.10.1<br>0 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa f'hix wasal il-passaġġ ta' fejn il-grawnd tal-football ta' Valletta Road. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna mill-perit tal-Kunsill. |
| | | |
| 40.10.1<br>1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq Triq Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser terġa tikteb lill-Transport Malta fuq dan. |
| | | |
| 40.10.1<br>2 | | Il-Kunsillier Jean Pierre Attard issuġġerixxa li għall-Haloween tiġi organizzata attivita' għat-tfal. |
| | | |
| ***40.12*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 40.12.1 | | Dan l-item ġie mitkellem f'punti oħra preċedenti. |
| | | |
| | | |
| ***40.13*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 40.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' **€42,979.08**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mil-Viċi Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Kenneth Farrugia u Joseph D'Amato. |
| | | |
| ***40.14*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 40.14.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11ta' Lulju, 2018 fis-6.15 ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | filgħaxija. |

Konfermati, illum _11_  ta’ Lulju, 2018.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**